**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs.**

***Omissis***
**Leslie Muscat**
***Omissis***

Numru: 94/2010

Illum 10 ta' Mejju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra

*Omissis*

**Leslie Muscat**, bin Carmel u Phyllis mwielda Grech, imwieled Attard fit-13 ta' Frar 1969, u joqghod Plot 21, Mellieha Heights, Mellieha detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 122969(M)

*Omissis*

akkuzat talli fit-23 ta' Gunju 2006 ghall-habta ta' bejn is-2.00pm u l-4.00pm waqt li kien fil-post ta' negozju li jgib l-isem ta' "Barbecue World" li qieghed fi Triq Wardija, Burmarrad jew fil-vicinanzi tieghu:

1. ikkommetta serq ta' kwantita' ta' laham li l-valur tieghu jeccedi l-Lm100[1] izda anqas minn Lm1,000[2] liema serq hu aggravat bil-valur u bil-persuna u dan ghad-dannu tad-diretturi tal-imsemmija kumpanija.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "PB" – *a fol.* 30).

Rat illi, fis-seduta tal-5 ta' Frar 2010 (*a fol.* 28), il-Qorti diversament preseduta laqghet talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ikun hemm separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta' tliet imputati kontra min originarjament kienu gew intavolati l-proceduri kriminali b'dan illi l-kawza fil-konfront tal-imputat Leslie Muscat giet differita *sine die stante* li l-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-imputat Muscat jinsab mahrub minn Malta.

Rat illi, permezz ta' Digriet moghti fil-25 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 32), il-Qorti diversament preseduta regghet appuntat il-kawza fil-konfront tal-imputat Leslie Muscat.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 70 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 74), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-

[1] Ekwivalenti ghal €232.94.
[2] Ekwivalenti ghal €2329.37.

Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet uhud mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 100), lill-imputat jiddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet kemm lill-Prosekuzzjoni u kif ukoll lid-difiza jiddikjaraw li kienu ser jirrimettu ruhhom ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2015, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-eks **Spettur Paul Bond** (*a fol.* 57 *et seq.*) fejn qal li fis-sena 2006 hu kien stazzjonat fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta u jghid li kien sar rapport minn sid ta' kumpanija bl-isem ta' World Barbeque li ghandu l-imhazen tieghu gewwa Burmarrad u li kien jimporta l-laham. Jghid li s-sid kien irraporta li kien qabad wiehed mill-impjegati tieghu peress li dan jidher minn CD johrog xi *garbage bags* li wara rrizulta kienu mimlijin laham. Jghid li hu (Bond) ra s-CD ma sid il-kumpanija fejn Ronaldo Muscat li kien jahdem mieghu hareg il-*garbage bag* u persuna ohra gie ghaliha. Jghid li dan jidher mis-CD li giet ezebita f'seduta precedenti. Jghid li Wayne Buttigieg jidher jigbor din il-borza u l-imputat Leslie Muscat qed jistennieh. Jghid li kien investiga l-kaz u baghat ghal Ronaldo Muscat u ghal Wayne Buttigieg li kienu ammettew mieghu. Jghid li kien ukoll baghat ghall-imputat Leslie Muscat li rrilaxxa stqarrija fis-26 ta' Gunju 2006 li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "PB" (*a fol.* 60 *et seq.*). Jghid li Wayne Buttigieg ghabba l-*garbage bag* li kien fiha l-laham fil-vettura tal-imputat Leslie Muscat u mbaghad saqu minn fuq il-post.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2016, xehed **Stephen Cachia** (in rapprezentanza ta' Transport Malta – *a fol.* 81) fejn qal li minn ricerka li saret fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni ZEF 712 Peugeot 406 jirrizulta li bejn il-5 ta' Ottubru 2001 u l-14 ta' Ottubru 2008 din kienet registrata fuq Susan Muscat (I.D. 255869(M)). Ezebixxa dokumentazzjoni in sostenn ta' dan li giet immarkata bhala Dok. "SC 1" (*a fol.* 82 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2017, il-Prosekuzzjoni ezebiet certifikat taz-zwieg ta' Leslie Muscat u Suzanna Bartolo, liema certifikat gie mmarkat bhala Dok. "X" (*a fol.* 91a).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2017, xehed **Wayne Buttigieg** (*a fol.* 92 *et seq.*) fejn beda billi qal li kien hemm proceduri kriminali fil-konfront tieghu li gew fi tmiemhom. Jghid li kellu hanut l-Ghadira u kien imur jixtri l-laham minn Burmarrad. Jghid li certu wiehed Ronaldo li kien jahdem hemm (fil-hanut ta' Burmarrad) kien mar il-hanut tieghu (ta' Wayne Buttigieg) u qallu li ma kellux flus u qallu li kellu tliet bicciet *fillet* li kien tahomlu s-sid minflok hallsu. Jghid li marru ghalihom bil-vettura Peugeot tal-imputat Leslie Muscat. Jispjega li tal-hanut tal-laham kien tah il-*fillets* lil Ronaldo flok il-paga u *"morna ghalihom ahna l-fillets u hallasnih hemm"* (*a fol.* 94). Mistoqsi jghid jekk kellhomx xi suspett fuq dan il-laham, wiegeb: *"Lanqas xejn. Kieku kelli suspett ma konniex inmorru bil-karozza ahna ghalihom u nidhol ghalihom jien"* (*a fol.* 94). Jghid li kien akkuzat li xtara l-laham u li kien jaf li kien misruq. Mistoqsi jghid meta sar jaf li l-laham kien misruq, jghid li sar jaf wara. Jixhed: *"tant ma konniex nafu li bqajt diehel jien bihom dawn. Quddiem jigifieri kien hemm in-nies u hekk, dan tahomli go kaxxa niftakar u hrigt bihom normali jien"* (*a fol.* 94).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 103), ikkonferma li hu u Muscat marru biex jixtru l-laham minn Burmarrad. Jghid li hu (Buttigieg) kellu l-hanut fejn l-imputat u Ronaldo kien imur hemm u hu (Buttigieg) u Ronaldo bdew iparlaw u kien hemm l-imputat u staqsieh (lill-imputat) jekk kienx interessat u marru l-hanut. Jghid li hu (Buttigieg) ma kienx jaf li l-laham kien misruq pero' sar jaf wara. Jghid li wasslu l-imputat Muscat, dahal

hu (Buttigieg) ghalihom, hallas u telqu l-hemm. Jghid li kien ammetta l-involviment tieghu peress li l-iSpettur kien qallu biex jammetti biex jehilsu kollox peress li ma kellux affarijiet kbar. Jghid li wara ma qabilx li kellu jammetti.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna l-imputat Leslie Muscat jinsab akkuzat b'serq b'numru ta' kwalifiki. Il-kawza kienet originarjament intavolata kontra zewg persuni ohra pero tul is-smiegh tal-proceduri odjerni kien sar separazzjoni tal-gudizzju. Is-sentenza odjerna hija biss fil-konfront ta' Leslie Muscat.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat hija vera u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-

Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

Illi *stante* li l-imputat Leslie Muscat jinsab akkuzat bir-reat ta' serq, il-Qorti thoss li jkun opportun li ssir riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> "*La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro*"
>
> (ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

*"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, é "altrui" la cosa che é in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ma tistax ma tinnotax li l-mod kif gew kompilati l-atti tal-kawza odjerna m'huwiex wiehed felici. Il-Qorti thoss li ma ghandhiex taghmel kummenti ulterjuri dwar dan!

Illi l-Qorti tinnota li ser tiskarta l-stqarrija rilaxxata mill-imputat Leslie Muscat (Dok. "PB" – *a fol.* 60 *et seq.*) u dak li nghad fiha u dana *stante* li din l-istqarrija giet mehuda fis-sena 2006, cioé fiz-zmien meta l-ligi ma kinitx taghti jedd lill-persuna arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha. Dan qed jinghad in vista tal-gurisprudenza ricenti, fosthom id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Joseph Camilleri**.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u tal-provi mismugha, il-Qorti ma jirrizultalhiex illi effettivament l-imputat Leslie Muscat ikkommetta dak li gie addebitat bih fl-imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi, mehud dan kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil-kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat Leslie Muscat huwiex hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal

sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat.

Illi l-atti processwali jistghu jindikaw biss diversi ipotesijiet u mhux certezzi u ma tista' tinstab l-ebda prova univoka li tista' qatt twassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Leslie Muscat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnha.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**